# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Lulju, 2020.**

**Numru 10**

**Ċitazzjoni numru 1010/01 AF**

**Mixkuka Limited (C-5611)**

**v.**

**George Mangion f'ismu proprju kif ukoll bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza ta' Cottonera Properties Limited (C–5282), il-Kummissarju tal-Artijiet, Air Malta p.l.c. (C–2685), u Malta Investment Management Company Limited**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-kumpannija attriċi (minn issa 'l hemm imsejħa "Mixkuka") minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Frar, 2015 (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") fil-kawża fl-ismijiet premessi li biha w għar-raġunijiet hemm

imfissra, dik il-Qorti, filwaqt li ħelset lill-imħarrkin George Mangion f'ismu proprju, Air Malta p.l.c. u Malta Investment Management Company Limited mill-ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-imħarrkin Kummissarju tal-Artijiet u George Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera Properties Limited u ċaħdet it-talbiet ta' Mixkuka fil-konfront tagħhom, filwaqt li ordnat lill-istess attriċi tħallas l-ispejjeż tal-kawża;

2. Fl-att li bih fetħet il-kawża, l-attriċi talbet li l-ewwel Qorti (i) issib li l-aġir tal-konvenut stralċjarju George Mangion (li bih resaq fuq kuntratt ta' temm ta' konċessjoni enfitewtika mogħtija favur Cottonera Properties Limited) sar kontra r-riżoluzzjoni meħuda mill-azzjonisti fit-12 ta' Frar, 1999, u bi ksur tal-artikolu 288(1)(a) tal-Att tal-1995 dwar il-Kumpanniji kif ukoll l-artikolu 44(1) kif magħmul jgħodd bis-saħħa tal-artikolu 156 tal-Ordinanza Dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali; (ii) issib li b'riżultat ta' dak l-aġir illegali tal-istralċjarju, il-kuntratt ta' temm tal-konċessjoni enfitewtika pubblikat fit-2 ta' Ġunju, 1999, fl-atti Nutar Vincent Miċeli huwa null u bla effett; u (iii) tiffissa data, lok u ħin għal-pubblikazzjoni tal-atti relattivi tar-rexxissjoni, taħtar nutar pubbliku għall-pubblikazzjoni tal-att relattiv u, jekk meħtieġ, taħtar kuraturi sabiex jidhru fuq l-imsemmi att minflok dawk li jonqsu li jersqu. Talbet ukoll l-ispejjeż;

3. Fit-Tweġibiet Maħlufa minnhom, l-intimati fil-mertu ċaħdu t-tabiet attriċi u qalu li l-kuntratt sar skond il-liġi, kif ukoll li l-istralċjarju mexa

sewwa. Il-Malta Investment Management Company Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "MIMCOL") ittenni wkoll li fl-agħar ipoteżi, l-aġir tal-istralċjarju jwassal għat-teħid ta' rimedji oħra iżda mhux għat-tħassir tal-kuntratt, filwaqt li George Mangion bħala stralċjarju w in rappresentanza ta' Cottonera Properties Limited (minn issa 'l hemm imsejħa "Cottonera") jgħid li b'riżoluzzjoni straordinarja tal-5 ta' Mejju, 1998, huwa ngħata l-jedd jilħaq ftehim sakemm il-gvern u entitajiet parastatali jew li fihom il-gvern għandu interess jitħalsu d-djun dovuti lilhom. L-intimati qajmu wkoll eċċezzjonijiet ta' natura preliminari;

4. Il-Kummissarju tal-Artijiet qal li ma kien hemm ebda relazzjoni ġuridika bejnu u Mixkuka; li l-azzjoni hija nulla u bla fondatezza billi ma hemm xejn fil-premessi li jwassal għall-konsegwenza tar-rexxissjoni tal-kuntratt kif mitlub fiċ-ċitazzjoni; li ma hemm xejn allegat fiċ-ċitazzjoni li jsejjes l-azzjoni ta' Mixkuka bħala azzjonist minoritarju; kif ukoll li l-azzjoni mhix issir f'isem Cottonera iżda minn Mixkuka li fetħet kawża kontra l-istess kumpannija li tagħha hija waħda mill-azzjonisti;

5. MIMCOL, min-naħa l-oħra, qalet li l-azzjoni hija kontradittorja u għaldaqstant nulla billi ġiet istitwita kontra l-istess kumpannija li f'isimha saret; li l-azzjoni kellha titressaq minn Cottonera; li ma jeżistux ir-rekwiżiti legali għar-rexxissjoni mitluba; kif ukoll liladarba l-proprjetà mertu tal-

kawża laħqet għaddiet f'idejn ħaddieħor ma jistax aktar jintalab it-tħassir tal-kuntratt;

6. George Mangion f'ismu proprju laqa' billi qal li t-talbiet attriċi huma diretti kontra l-istralċjarju (fost oħrajn), u ma setax iwettaq fil-kwalità personali l-ebda waħda mit-talbiet imressqa. Bħala stralċjarju u in rappreżentanza ta' Cottonera, Manġion laqa' billi qal li, bħala azzjonista minoritarja, Mixkuka ma setgħetx tressaq din l-azzjoni;

7. L-Air Malta p.l.c. laqgħet billi qalet li ma kellha ebda rabta ġuridika ma' Mixkuka, u għaldaqstat messha tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju dwar it-talbiet attriċi. Qalet ukoll li l-azzjoni attriċi ma tiswiex billi kienet nieqsa minn indikazzjoni ta' kawżali u jew ta' xi talba fil-konfront tagħha (minn issa 'l hemm imsejha "t-tieni eċċezzjoni preliminari");

8. Illi b'sentenza tal-24 ta' April, 2003[1], l-ewwel Qorti (diversament presjeduta) ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa minn MIMCOL u t-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Air Malta, u sabet li l-azzjoni attriċi ma kinitx milquta minn nullità;

9. Illi biex waslet għall-imsemmija deċiżjoni tal-5 ta' Frar, 2015, l-ewwel Qorti għamlet il-konsiderazzjonijiet li ġejjin:

[1] Paġġ. 142 sa 160 tal-proċess

*“Ikkunsidrat illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza ma jidhrux kontestati. Gew precizament elenkati minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fis-sentenza fuq citata datata 23 ta’ April 2003 u ghal dak l-elenku din il-Qorti taghmel pjena referenza (ara fol. 151 et seq.)*

*“In-natura tal-azzjoni giet mistharrga minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha tat-23 ta’ April 2003, ghalkemm dan kien strettament fil-kuntest tal-eccezzjonijiet preliminari, u baqghet f’dak l-istadju impregudikata l-kwistjoni jekk azzjoni ta’ din ix-xorta tistax titressaq fil-konfront ta’ kumpannija fil-process ta’ stralc.*

*“Huwa minnu li Prof. Andrew Muscat (op. cit) (fol. 891) isostni illi:*

> *“It should also be noted that the derivative action is not available when the company is in liquidation.”*

*“Madanakollu il-Qorti hi tal-fehma li c-cirkostanzi partikolarissimi ta’ din il-kawza, fejn l-allegat “wrongdoer” huwa l-istess stralcjarju li fil-ligi hu “in control” iwasslu ghat-tixlif ta’ dan il-principju.*

*“L-abbli difensuri waqt it-trattazzjoni orali iqajjmu dubbji dwar liema ligi hija applikabbli ghall-kawza odjerna. Din il-kwistjoni kienet digà giet imqajjma u sorvolata permezz tal-ewwel sentenza fejn il-Qorti irriteniet illi:*

> *“Il-ligi tipprovdi li xoljiment ta’ kumpannija li jkun sehh qabel, mas-sitt xhur jew fi zmien sitt xhur mill-jum stabilit ikompli jkun regolat skond id-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza (Kap 168) u li l-istralc li jirrizulta wara ghandu jkun hekk regolat. Imma l-istess artikolu jipprevedi li, jekk kemm-il darba isem il-kumpannija ma jkunx ghadu thassar mir-registru tal-kumpanniji sal-1 ta’ Marzu tal-1998, l-istralc ta’ kumpannija bhal dik ghandu, minn dik id-data ‘l quddiem, ikun immexxi skond l-Att dwar il-Kumpanniji jekk issir lill-Qorti talba f’dan is-sens. Meta wiehed iqis li, fil-kaz tal-kumpannija Cottonera Properties Limited, l-process ta’ stralc ma kienx ghadu ntemm meta tressqet din il-kawza (fl-2001, jigifieri kwazi disa’ snin minn mindu nbeda), dan iwassal lill-Qorti ghall-fehma li ma jistax jinghad li l-imsemmi process huwa ta bilfors marbut ma’ u jrid jitwettaq biss skond ma kien jiddisponi l-Kapitolu 168”*

*“Kien f’dan il-qafas, ghalhekk li il-Qorti ghaddiet biex tqis l-eccezzjonijiet ohra ta’ natura preliminari. Il-Kummissarju tal-Artijiet jeccepixxi in-nuqqas ta’ relazzjoni guridika mas-socjetà attrici. Il-Qorti tqis illi f’dan ma jistax jinghata ragun. Is-socjetà attrici qeghda tittenta thassar kuntratt li ghalih kien parti l-istess Kummissarju. Kieku tirnexxi fil-ghan taghha, ikun l-istess Kummissarju li jigi ordnat jirrimedja u ghalhekk ma jista’ qatt jithalla barra fi proceduri ta’ din ix-xorta. Jeccepixxi inoltre li l-azzjoni hi rritwali ghaliex ma saritx f’isem Cottonera Properties Limited. Fil-fehma ta’ din il-Qorti dawn iz-zewg eccezzjonijiet ma jistghux jitqiesu siewja tenut kont tan-natura tal-azzjoni li qeghda tigi meqjusa kif irritjena l-Prof. Andrew Muscat (pag. 891 – Principles of Maltese Company Law):*

> *"In a derivative action, the minority shareholder is the claimant. He sues on behalf of himself. The action is filed against the alleged wrongdoers and the company is joined as a defendant. The requirement that the company in whose interest the claim is brought be included as a defendant is justified on the basis that only in such manner could it be bound by and benefit from the judgement. It has been remarked that it is "highly misleading" that "an action to enforce the company's rights takes the form, apparently, of an action against the company!" The reason the company cannot be made a plaintiff is however justified on the basis that neither the board nor the general meeting would have considered to it."*

*"Ghaldaqstant l-eccezzjonijiet ta' natura preliminari mressqa mill-Kummissarju tal-Artijiet qeghdin jigu michuda.*

*"Air Malta p.l.c. minn naha taghha ukoll teccepixxi n-nuqqas ta' konnessjoni mal-"objett sostanzjali tal-kawza" u ghalhekk titlob li tigi liberata "ab observantia". Huwa ben risaput illi l-parametri ta' kawza huma strettament stabbiliti mill-premessi u t-talbiet kif formulati fl-att promotur tal-istess kawza. Fil-kawza odjerna l-mira hija t-thassir tal-kuntratt bejn il-Kummissarju tal-Artijiet u Cottonera Properties Limited. Air Malta ma kienitx parti f'dak il-kuntratt. Sehemha fil-kwistjoni kollha kienu biss bhala azzjonista minoritarja f'Cottonera Properties Limited. Dawn il-proceduri ma jistghu qatt iwasslu ghall-kundanna taghha fit-thassir mitlub. Ghalhekk il-Qorti ser tillibera mill-osservanza tal-gudizzju kemm lil Air Malta plc kif ukoll lil MIMCOL, l-posizzjoni taghha hija identika. Inoltre, George Mangion personalment ma messux gie mharrek f'dawn il-proceduri. Is-sehem tieghu fil-kuntratt kollu kien biss bhala stralcjarju. Agixxa ta hekk biss u bhala hekk biss messu gie mharrek.*

*"Meqjusa ghalhekk l-eccezzjonijiet kollha ta' natura preliminari, il-Qorti ghaddiet biex tikkonsidra l-mertu tat-talbiet fic-citazzjoni.*

*"L-Art. 295 tal-Kap. 38 jipprovdi illi:*

> *"Mal-ħatra ta' stralċjarju, is-setgħat kollha tad-diretturi u tas-segretarju tal-kumpannija jieqfu, sakemm mhux provdut xort'oħra f'dan it-Titolu."*

*"Huwa ritenut illi:*

> *"L-istralc hu dak il-perjodu transitorju mehtieg appuntu ghad-determinazzjoni tal-attiv b'serje ta' operazzjonijiet intizi biex jillikwidaw l-affarijiet u biex jigu rizoluti l-vertenzi pendenti. L-istralcjarju hu l-mandatarju maghzul mis-soci, jew mill-Qorti, biex igib ghat-terminu l-operazzjonijiet in korso, jesigi l-krediti u jestingwi l-passivitajiet, u hekk jikkjarixxi l-affarijiet tas-socjetà, biex jasal ghal rizultat cert li juri jekk hemmx attiv x'jinqasam jew passiv li ghandu jigi sopportat. Hu ma jistax jaghti hajja ghal operazzjonijiet godda; ghaliex appunti l-funzjoni tieghu hi dik li jillikwida l-affarijiet ga mibdijin, u ghaldaqstant ghal hekk biss ghandu jigi limitat l-inkariku tieghu." – (Caruana vs Debono – 7 ta' Lulju 1960)*

*“Il-Qorti qieset ic-cirkostanzi partikolari li wasslu ghal kuntratt mertu ta’ din il-kawza u partikolarment is-segwenti:*

*“(i) Ic-cens dovut lill-Gvern fid-data tal-kuntratt kien lahaq is-somma ta’ Lm1,506,918 (miljun, hames mija u sitt elef, disa’ mija u tmintax-il Lira Maltin);*

*“(ii) Cottonera Properties Limited kellha dejn ma’ Bank of Valletta fl-ammont ta’ Lm118,530 (mija u tmintax-il elf, hames mija u tletin Liri Maltin);*

*“(iii) L-unika assi tangibbli li kellha Cottonera Properties Limited kien ic-cens temporanju tal-Forti Sant’Angelo;*

*“(iv) Cottonera Properties kienet ilha li cediet il-pussess ta’ Forti Sant’Angelo mill-1990, minghajr rexissjoni tal-kuntratt;*

*“(v) Is-socjetà kienet marret fi stralc b’risoluzzjoni tal-azzjonisti f’Lulju 1992;*

*“(vi) Is-socjetà kellha djun mal-azzjonisti fl-ammont ta’ Lm231,540, li dwarhom kien ser issir rinunzja (peress illi kienu t-tnejn kumpanniji tal-Gvern);*

*“(vii) Fis-16 ta’ Ottubru 1998 l-azzjonisti <u>kollha</u> talbu kumpens ta’ Lm4,000,000 sabiex jigi rexiss il-kuntratt ta’ cens. Din il-proposta ma gietx accettata mill-Kummissarju tal-Artijiet li, avza lill-istralcjarju li kien ser jiftah hu proceduri ghall-gbir tal-arretrati ta’ cens u rexissjoni tal-kuntratt;*

*“(viii) Fit-12 ta’ Frar 1999 l-azzjonisti kollha ddikjaraw illi “The shareholders unanimously instruct the Liquidator to negotiate the recession of the emphyteutical grant on the condition that the company is paid the sum of Lm2 Million less Lm360,000 for rent due up to date of handing over the keys at Sant’Angelo Complex”;*

*“(ix) Fl-1 ta‘ Gunju 1999, l-istralcjarjuipprezenta lill-azzjonisti abbozz ta’ kuntratt ta’ rexissjoni li ghalih oggezzjona r-rapprezentant ta’ Mixkuka Limited. Madankollu, jirrizulta mill-minuti tal-istess laqgha illi l-azzjonisti ftehmu hekk: “Naturally the liquidator was also instructed to negotiate the best terms and conditions for all interested parties.”*

*“F’dan ix-xenarju ta’ sitwazzjoni estremament imweghra li kienet fiha Cottonera Properties Limited din il-Qorti ma ssib xejn x’ticcensura fid-decizjoni tal-istralcjarju li jersaq ghall-kuntratt ta’ rexissjoni tac-cens li, f’dak l-istadju kien mazzra ma’ ghonq is-socjetà.*

*“L-istralcjarju agixxa fil-qafas tad-dmirijiet tieghu skond il-ligi u risoluzzjoni ta’ Cottonera Properties Limited tat-12 ta’ Frar 1999.*

> *"Ir-risoluzzjoni tat-12 ta' Frar 1999 kienet tipprospetta kumpens ta' circa Lm1.6 ghar-rexissjoni, u arretrati ta' cens ta' Lm360,000. Madankollu sal-iffirmar tal-kuntratt, l-arretrati kienu effettivament lahqu l-ammont ta' Lm1,506,918. Lanqas ma kienet tipprospetta d-dritt tal-Gvern li jiehu lura l-proprjetà bla kumpens minhabba nuqqas ta' hlas ta' cens."*;

10. Mixkuka ħassitha aggravata bis-sentenza appellata u b'Rikors tal-Appell imressaq minnha fl-24 ta' Frar, 2015, u għar-raġunijiet hemm imsemmija, talbet li din il-Qorti tilqa' l-appell tagħha u tirriforma s-sentenza appellata billi tħassarha u tirrevokaha safejn (i) ħelset lill-imħarrkin George Mangion personalment, AirMalta p.l.c. u MIMCOL mill-ħarsien tal-ġudizzju; u safejn (ii) laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-Kummissarju tal-Artijiet u ta' George Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera u ċaħdet it-talbiet tagħha fil-konfront tagħhom; u tikkonfermaha għall-bqija tagħha, biex b'hekk jintlaqgħu t-talbiet ta' l-appellanti kif dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni fil-konfront tal-konvenuti appellati kollha bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħhom;

11. Permezz ta' Risposta mressqa minn kull wieħed minnhom[2], u għar-raġunijiet hemm imsemmija, l-appellati warrbu l-aggravji kollha tal-appellanti u saħqu li s-sentenza appellata hija tajba u li din il-Qorti jmissha tikkonfermaha u tiċħad l-appell imressqa minnha;

[2] Dak tat-12 ta' Frar, 2015, mill-appellat Kummissarju tal-Artijiet; tas-16 ta' Marzu, 2015, mill-appellat George Mangion f'ismu proprju kif ukoll bħala stralċjarju għan-nom u in rappreżentanza ta' Cottonera Properties Limited; tat-18 ta' Marzu, 2015, mill-appellata Air Malta p.l.c., u fl-istess jum wkoll mill-appellata MIMCOL

12. Semgħet it-trattazzjoni tal-appell magħmula mid-difensuri tal-partijiet waqt is-smigħ tad-9 ta' Ġunju, 2020, li fih ħalliet l-appell għallum għas-sentenza;

13. Rat l-atti kollha tal-kawża;

***Ikkunsidrat:***

14. Illi din hija kawża li Mixkuka fetħet biex tħassar kuntratt pubbliku li sar fit-2 ta' Ġunju, 1999[3], bejn l-appellat Mangion, fil-kwalità tiegħu ta' stralċjatarju ta' Cottonera, u l-appellat Kummisarju tal-Artijiet li bis-saħħa tiegħu intemmet konċessjoni enfitewtika temporanja tal-Forti Sant'Anġlu, fil-Birgu, li kienet ingħatat lil Cottonera għal ħamsin (50) sena f'Ottubru tal-1981[4]. Mixkuka kienet waħda mill-azzjonisti ta' Cottonera li, fl-1992, kienet tqiegħdet fi proċess ta' stralċ bir-rieda tal-azzjonisti tagħha. Mixkuka dehrilha li Manġion ma mexiex ma' dak li kienu qablu u ftiehmu l-azzjonisti kollha ta' Cottonera, u li ma qagħadx għall-kundizzjonijiet u t-termini ta' riżoluzzjoni mgħoddija fi Frar tal-1999[5] li kienet saret bil-għan li tagħtih is-setgħa li jinnegozja l-kundizzjonijiet li taħthom Cottonera kellha trodd lura l-imsemmija Forti lill-Gvern. L-ewwel Qorti, filwaqt li ħelset lill-appellati Mangion f'ismu proprju, Air Malta p.l.c. u MIMCOL mill-

[3] Dok "Ċ", f'paġġ. 74 sa 81 tal-proċess
[4] Dok "B", f'paġġ. 51 sa 73 tal-proċess
[5] Dok "D", f'paġ. 82 tal-proċess

ħarsien tal-ġudizzju, laqgħet l-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-appellati Kummissarju tal-Artijiet u ta' George Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera u ċaħdet it-talbiet attriċi;

15. Illi Mixkuka tqajjem **żewġ aggravji** mis-sentenza appellata. Bl-ewwel aggravju, tgħid li l-ewwel Qorti żbaljat meta ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-imsemmija tliet appellati. Bit-tieni aggravju, tgħid li l-ewwel Qorti qabel ma għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi, naqset li tieħu qies kif imiss taż-żewġ ilmenti tagħha: jiġifieri, jekk l-istralċjarju naqasx li joqgħod għat-termini tal-ħatra li l-azzjonisti ta' Cottonera kienu tawh fir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar tal-1999 (minn issa 'l hemm imsejħa "ir-Riżoluzzjoni") u t-tieni jekk, bl-għajnuna jew bl-akkwijexxenza jew nuqqas ta' oppożizzjoni tal-appellati Airmalta p.l.c. u MIMCOL, marx kontra r-Riżoluzzjoni;

16. Illi dwar **l-ewwel aggravju**, l-appellanti tgħid li fil-kuntest ta' azzjoni derivattiva bħalma hija din il-kawża, l-ewwel Qorti ma setgħetx teħles mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-imħarrek Manġion u lill-azzjonisti maġġoritarji meta l-istess Manġion kien ir-rappreżentant legali ta' Cottonera li naqas li jimxi fl-interess tal-kumpannija, u meta l-imsemmija azzjonisti maġġoritarji għenu jew ma opponewx għall-imġiba tiegħu. Tgħid ukoll li MIMCOL inħelset ukoll mill-ewwel Qorti milli tibqa' fil-kawża meta l-istess MIMCOL lanqas kienet qajmet eċċezzjoni f'dan is-sens. Għaldaqstant

tisħaq li kull wieħed minnhom kien il-kontradittur leġittimu tat-talbiet tagħha f'din il-kawża;

17. Illi għal dan l-aggravju, l-appellata Air Malta p.l.c tilqa' billi tgħid li, minkejja l-isforzi li Mixkuka għamlet tul il-kawża biex tixhet ħtija fuqha, l-ewwel Qorti sabet li hi ma kellha ebda sehem fil-kuntratt mertu tal-każ. Tgħid li l-ewwel Qorti ħelsitha milli tibqa' fil-kawża għaliex il-ġudizzju ma seta' qatt jagħmel stat ta' fatt fil-konfront tagħha u mhux għaliex mhix il-kontradittur leġittimu;

18. Illi l-appellata MIMCOL tilqa' għal dan l-aggravju billi tgħid li ma kien hemm ebda ħtieġa li tressaq eċċezzjoni li mas kinitx il-kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, għaliex l-eċċezzjonijiet l-oħrajn imressqin minnha kienu biżżejjed – kif sabet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata – biex tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju fuq is-saħħa tal-fatt li ma nstabx li kien hemm rabta bejnha u l-oġġett sostanzjali tal-kawża. Mill-bqija, tinqeda bl-istess argumenti mressqa mill-appellata Air Malta p.l.c. fir-Risposta tal-Appell tagħha;

19. Illi l-appellat Kummissarju tal-Artijiet ma ressaq ebda sottomissjoni fir-rigward ta' dan l-aggravju. Min-naħa l-oħra, l-appellat Mangion f'ismu personali jgħid li lanqas biss qatt messu tħarrek għax, fil-vesti tiegħu personali, huwa ma kellu x'jaqsam bl-ebda mod mal-kwestjoni;

20. Illi l-Qorti sejra tqis dan l-aggravju taħt żewġ taqsimiet. L-ewwel, sejra tqis il-ħelsien mill-ħarsien tal-ġudizzju fir-rigward tal-appellati Air Malta p.l.c. u MIMCOL;

21. Illi l-Qorti tibda biex tgħid li n-natura ta' azzjoni hija determinata mill-indoli tagħha. Dawn joħorġu mit-tfassila tal-att promotur li bis-saħħa tiegħu tinfetaħ il-kawża. Qari xieraq taċ-Ċitazzjoni ma jħalli l-ebda dubju li Mixkuka sejset l-azzjoni tagħha fuq r-riżoluzzjoni tal-azzjonisti tat-12 ta' Frar, 1999, u fuq il-kuntratt tat-2 ta' Ġunju, 1999, bejn il-Gvern u l-appellat Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera. Hija titlob is-sejbien ta' mġiba mhux xierqa min-naħa tal-imsemmi stralċjarju bi ksur tal-imsemmija riżoluzzjoni u dan bl-effett li jwassal għar-rexxissjoni tal-kuntratt. L-azzjoni għaldaqstant tmexxiet kontra l-istralċjarju fuq il-kawżali ta' ksur ta' obbligu min-naħa tiegħu fil-konfront ta' Cottonera għal dak li ġie mitlub jagħmel permezz tar-riżsoluzzjoni fuq imsemmija. Mixkuka tixli lill-appellati Air Malta p.l.c. u MIMCOL talli, minn wara daharha u bi ħsara għal Cottonera, assistewh jew ma waqfulux milli jasal fi ftehim mad-Dipartiment tal-Artijiet biex jgħaddi lura il-Forti Sant' Anġlu lill-Gvern, taħt kundizzjonijiet li kienu differenti minn dawk li kienu maqbula mill-azzjonisti ta' Cottonera f'laqgħat li saru f'Diċembru 1998 u Frar 1999, u li wasslu għat-teħid minn Cottonera tar-riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar, 1999[6];

[6] Ara x-xhieda ta' Norbert Fenech f'paġ. 219 tal-proċess, ix-xhieda ta' Winston Fenech f'paġġ. 252 sa 254 tal-proċess. Ara wkoll Dokti. "NF34" u "O" f'paġġ. 238 u 520 tal-proċess

22. Illi xieraq jingħad ukoll illi meta l-attur jagħżel għamla ta' azzjoni partikolari, irid ikun responsabbli biżżejjed illi jagħti l-opportunità lill-parti mħarrka tiddefendi lilha nnifisha fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa[7]. L-eċċezzjoni tal-Air Malta p.l.c. biex tiġi liberata mill-ħarsien tal-ġudizzju tissejjes fuq żewġ binarji[8]: l-ewwel, mal-ħatra ta' George Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera, is-setgħa ta' Air Malta p.l.c. permezz tad-direttur tagħha f'Cottonera ġiet fit-tmiem tagħha, u għaldaqstant ma kellha l-ebda sehem fil-kwestjonijiet li daħlet fihom Cottonera wara tali data; it-tieni, fuq il-fatt li hija ma kinitx waħda mill-kontraenti fil-kuntratt tat-2 ta' Ġunju, 1999 (li Mixkuka qiegħda titlob it-tħassir tiegħu b'din il-kawża);

23. Illi MIMCOL, min-naħa l-oħra, ma tiċħadx li (matul iż-żmien li Cottonera kienet diġà għaddejja minn proċess ta' stralċ) attendiet għal laqgħat mal-Gvern u mal-istess stralċjarju fejn ġie diskuss it-teħid lura mill-Gvern tal-Forti Sant'Anġlu, kif ukoll li kemm hi kif ukoll l-appellata l-oħra Air Malta p.l.c. waqt laqgħa tal-azzjonisti li ssejħet b'urġenza fl-1 ta' Ġunju, 1999, mill-istralċjarju lejliet l-iffirmar tal-kuntratt, ilkoll ċedew favur il-gvern self li kien dovut lilhom, iżda ssostni li d-Dipartiment tal-Artijiet ma kienx dispost li jħallas kumpens għar-rexissjoni tal-konċessjoni enfitewtika tal-Forti. Tixli lil Mixkuka li, minkejja li ma qablitx mal-

[7] Ara, per ezempju, P.A. **5.6.1959** fil-kawża fl-ismijiet ***Sciortino et vs Micallef*** (Kollez. Vol: **XLIII.ii.748**)
[8] Ara Nota ta' Sottomissjonijiet ta' Air Malta plc f'paġġ 599 sa 601 tal-proċess

kundizzjonijiet imressqa mill-Gvern, baqgħet ma tat ebda alternattiva oħra kif il-kwestjoni setgħet tiġi solvuta[9];

24. Illi biex persuna mħarrka tinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, minkejja li tkun kontradittriċi leġittima tal-azzjoni attriċi, mill-atti jrid jintwera li x-xiljiet miġjuba kontra tagħha ma jirriżultawx, għalkemm jistgħu jirriżultaw kontra xi parti mħarrka oħra. F'dan il-każ, l-appellati Air Malta plc u MIMCOL inħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju għaliex l-ewwel Qorti qieset li l-għan tal-azzjoni kien it-tħassir tal-kuntratt li, temm il-konċessjoni enfitewtika tal-Forti Sant'Anġlu. Dik il-Qorti qieset li ladarba la l-appellata l-waħda u lanqas l-oħra ma dehru fuq il-kuntratt, b'hekk ma kellhom l-ebda xilja xi jwieġbu għall-pretensjonijiet ta' Mixkuka. F'dan ir-rigward, dik il-parti tal-aggravju ta' Mixkuka li jgħid li MIMCOL inħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju bla ma mqar kienet eċċepiet li mhix il-kontradittriċi leġittima ma huwiex mistħoqq. MIMCOL inħelset mill-ewwel Qorti għar-raġuni li s-sehem tagħha bħala azzjonista ta' Cottomera ma seta' qatt iwassal biex hija tkun kundannata għat-tħassir tal-kuntratt. Huwa f'dan il-kejl li l-ewwel Qorti tefgħet fl-istess keffa lill-appellati MIMCOL u Air Malta p.l.c.;

25. Illi, madankollu, it-tieni talba attriċi tinbena fuq it-talba ta' qabilha u hija konsegwenzjali għaliha. Dik l-ewwel talba tintrabat mal-kwestjoni tal-imġiba tal-istralċjarju appellat meta mqabbla ma' riżoluzzjoni. Kemm l-

[9] Ara x-xhieda ta' John Busuttil f'paġ. 481 tal-proċess. Ara wkoll Dok. "GM08" f'paġ. 413 tal-proċess

appellata Air Malta u kif ukoll l-appellata MIMCOL kienu mdaħħla fl-imsemmija riżoluzzjoni. Hekk ukoll kienu mdaħħla fil-laqgħa Straordinarja ta' Cottomera msejħa fl-1 ta' Ġunju, 1999, li matulha ttieħdet id-deċiżjoni dwar il-pubblikazzjoni tal-kuntratt li sar l-għada[10]. Għalhekk, din il-Qorti hija tal-fehma li kemm l-appellata Air Malta p.l.c. u kif ukoll MIMCOL kienu tabilħaqq imdaħħla fil-ħruġ tar-riżoluzzjonijiet li ttieħdu f'isem Cottonera u li fuqhom l-istralċjarju appellat kellu jimxi[11]. Fuq is-saħħa ta' dawn il-fatti u wkoll fid-dawl tal-għamla partikolari ta' azzjoni mibdija minn Mixkuka, din il-Qorti ssib li kien hemm biżżejjed raġunijiet (u provi) għaliex iż-żewġ appellati kellhom iwieġbu għall-ewwel talba attriċi, ukoll jekk ma kinux komparenti fuq il-kuntratt imsemmi fit-tieni talba;

26. Illi l-Qorti trid tagħmilha ċara li b'daqshekk m'hijiex qiegħda tgħaddi xi għamla ta' ġudizzju dwar il-mertu nnifsu, li jifforma l-kunsiderazzjonijiet li sejrin isiru taħt it-tieni aggravju. Iżda l-punt ewlieni fir-rigward ta' dan l-aggravju huwa li Mixkuka ma setgħetx tressaq l-azzjoni tagħha bla ma tħarrek ukoll lill-imsemmija żewġ appellati u li dawn jirribattu kif imiss il-pretensjonijiet attriċi u ssib li l-ewwel Qorti ma messhiex ħelsithom mill-ħarsien tal-ġudizzju[12];

---

[10] Ara Dok "P", f'paġġ. 521 – 3 tal-proċess

[11] Ara f'dan is-sens Andrew Muscat, <u>Principles of Maltese Company Law</u> (2007), Kapitlu 14: *The Principle of Majority Rule and the Protection of Minority Rights on the Basis of General Principles*, f'pg. 892

[12] Taħt l-artikolu 402(3)(f) tal-Kap. 386, persuna tista' wkoll tfittex għal kumpens minħabba ħsara li tkun saritilha. Għalkemm f'din il-kawża, it-talba mhix dik ta' kumpens, jibqa' l-fatt li l-"*wrong doer*" jista' jkun "*any person found by the Court to be responsible for the loss or damage suffered – such person could, depending on the circumstances, include the company itself or the majority shareholder or the controlling directors ... The provision does however serve a*

27. Illi għaldaqstant l-ewwel parti ta' l-ewwel aggravju sejjer jintlaqa';

28. Illi l-Qorti sejra tqis l-ewwel aggravju b'riferenza għall-ħelsien mill-ġudizzju tal-appellat Mangion f'ismu proprju. L-ewwel Qorti sabet li l-appellat George Mangion aġixxa biss bħala stralċjarju, u għaldaqstant ma messux tħarrek fil-kwalità personali;

29. Illi Mixkuka tgħid li kull min ħarrket f'din il-kawża kellu jitħarrek "għaliex kollha kemm huma b'xi mod jew ieħor kellhom sehem f'dak li ġara";

30. Illi l-appellat Manġion jisħaq li ma kellu qatt jitħarrek personalment għaliex kulma ndaħal kien fil-kwalità tiegħu ta' stralċjarju ta' Cottonera u xejn aktar minn hekk;

31. Illi l-Qorti tqis li tabilħaqq joħroġ mill-provi kollha mressqa li kull fejn l-appellat Manġion *proprio* jidher fl-atti u fil-provi dokumentali mressqa mill-partijiet, dan jidher bħala stralċjarju ta' Cottonera. Ma ntweriet li huwa ħa l-ebda inizjattiva minn rajh jew mhux fil-kwalità msemmija. Lanqas meta deher fuq il-kuntratt tat-2 ta' Ġunju, 1999, ma deher f'ismu, imma bħala stralċjarju ta' Cottonera. Tqis ukoll li t-talbiet attriċi, kemm-il darba

*useful purpose in that it unequivocally gives the complainant the right, in appropriate cases, to seek compensation in the same article 402*", *Op. cit.* pp. 995 u 1008

jintlaqgħu, għandhom jiġu eżegwiti mill-appellat Mangion bħala stralċjarju ta' Cottonera u mhux f'ismu proprju;

32. Illi dan iwassal lill-Qorti biex issib li t-tieni parti tal-ewwel aggravju ta' Mixkuka mhux mistħoqq u tqis li l-ewwel Qorti għamlet sewwa li lill-appellat Manġion *proprio* ħelsitu mill-ħarsien tal-ġudizzju;

33. Illi fir-rigward tat-**tieni aggravju,** Mixkuka tgħid li l-ewwel Qorti, qabel ma għaddiet biex tiċħad it-talbiet attriċi, naqset li tieħu qies kif imiss tal-provi u tas-sottomissjonijiet imressqin minnha. Tgħid li mill-provi mressqa ħareġ li l-istralċjarju mexa lil hemm minn dak li ġie awtorizzat li jagħmel mill-azzjonisti ta' Cottonera, u kiser dak li kien maqbul fir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar, 1999, bl-appoġġ jew bl-għajnuna tal-appellati Air Malta p.l.c. u MIMCOL. Hija tressaq sensiela ta' argumenti biex turi kif dak li sar fil-kuntratt tat-2 ta' Ġunju, 1999, ma kienx ħaġ'oħra għajr pjan imfassal biex Cottonera ċċedi qabel waqtha l-konċessjoni enfitewtika bla ma jitħallas kumpens;

34. Illi għal dan l-aggravju, l-appellat Kummissarju tal-Artijiet jgħid li l-ilment ta' Mixkuka huwa msejjes fuq kontestazzjoni tal-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti, u ma nġabet ebda raġuni tajba għalfejn din il-Qorti għandha tiddisturba dak l-apprezzament. Jgħid li l-Gvern kien f'qagħda b'saħħitha biex jieħu lura l-Forti u jtemm il-konċessjoni

enfitewtika minħabba l-qagħda mwiegħra li Cottonera kienet tinsab fiha, mhux anqas minħabba li kien ilha s-snin ma' tħallas il-kanone u minħabba li, sa minn madwar għaxar (10) snin qabel, Cottonera tilfet il-pussess tal-Forti li kien sadattant ingħata lil ħaddieħor. Iżid jgħid li, filwaqt li Cottonera ma kinitx f'qagħda li tiddetta kundizzjonijiet lid-direttarju (il-Kummissarju tal-Artijiet), dak li nqabel fil-kuntratt tax-xoljiment tal-konċessjoni enfitewtika kien ta' fejda għall istess Cottonera li nħelset mid-djun kbar li kienu nġemgħu u li kienu wassluha biex tmur fi proċess ta' stralċ. Itenni li, minħabba dak li ġara maż-żmien, il-Gvern ma kellu ebda ħajra li jinvesti aktar f'Cottonera u li d-deċiżjoni biex ixolju l-konċessjoni enfitewtika ttieħdet bi qbil bejn l-azzjonisti kollha, magħduda Mixkuka;

35. Illi l-appellati Air Malta plc u MIMCOL, min-naħa l-oħra, jilqgħu billi jgħidu li dan it-tieni aggravju mhu xejn ħlief stedina biex din il-Qorti tissostitwixxi ruħha għall-ewwel Qorti biex tqis il-provi mill-ġdid;

36. Illi l-appellat Mangion jilqa' billi jgħid li bħala stralċjarju ma kienx għad fadallu triq oħra x'jagħżel għajr dik li jersaq għall-kuntratt bil-kundizzjonijiet li kienu ddaħħlu fih, u li dawk il-kundizzjonijiet kienu l-aħjar li seta' jsir għall-ġid ta' Cottonera f'dawk iċ-ċirkostanzi. Jisħaq li mill-provi jirriżulta li, bħala stralċjarju, mexa ma' dak li kien intalab jagħmel mill-azzjonisti ta' Cottonera u mas-setgħat li l-liġi kienet tagħtih f'dik il-kariga. Isemmi wkoll kif saħansitra ħa inizjattivi biex isib soluzzjoni xierqa għall-

kobba finanzjarja ta' Cottonera li f'dawk iż-żminijiet kienet imħabbla sew bla ebda tama ta' soluzzjoni;

37. Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-kwestjoni mqajma bit-tieni aggravju ma hijiex biss waħda li ddur fuq l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Dak li Mixkuka tilmenta minnu huwa l-fatt li, minkejja li fir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar, 1999, l-istralċjarju ntalab jinnegozja termini jew pakkett speċifiku mal-Gvern, fil-kuntratt ippubblikat fit-2 ta' Ġunju ta' l-istess sena, huwa aċċetta u ffirma għal kundizzjonijiet għal kollox differenti u agħar. Targumenta li ladarba r-riżoluzzjoni ma kenitx tħassret u mibdula f'oħra, kienet baqgħet tgħodd, u għaldaqstant l-appellat stralċjarju ma qagħadx għat-termini tar-riżoluzzjoni u għalhekk il-kuntratt ma jgħoddx;

38. Illi mill-aspett ta' apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti, ingħad kemm-il darba li r-regola hi li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mhux mibni fuq il-fatti proċesswali[13]. Minkejja dan, huwa minnu wkoll li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi*

[13] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[14];

39. Illi huwa fil-qafas ta' dawn il-parametri li din il-Qorti sejra tqis dan l-aggravju ta' Mixkuka. Is-sentenza appellata ma sabetx li l-appellat Manġion bħala stralċjarju kien mar kontra dak li kien awtorizzat jagħmel. L-ewwel Qorti siltet sensiela ta' fatti kif irriżultawlha mill-atti tal-kawża u li kienu juru kemm Cottonera kienet f'qagħda finanzjarja ħażina. Għalhekk, sabet li ma kellha xejn x'tiċċensura fid-deċiżjoni tiegħu li jersaq għall-kuntratt tat-tħassir tal-konċessjoni enfitewtika bil-kundizzjonijiet imsemmija fih. Jidher li l-ewwel Qorti qieset il-fatt li fil-laqgħa tal-1 ta' Ġunju, 1999, minkejja li Mixkuka oġġezzjonat għall-abbozz tal-kuntratt minħabba l-kundizzjonijiet li tniżżlu fih, l-azzjonisti (magħduda l-istess Mixkuka) taw lill-istralċjarju l-istruzzjoni biex mill-mitluf jikseb li jista' u

[14] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***

jinnegozja “*the best terms and conditions for all interested parties*”. Ir-rappreżentant ta’ Mixkuka f’dik il-laqgħa ġenerali straordinarja tal-azzjonisti ta’ Cottonera kien għaraf li l-abbozz kien tefa’ ma’ wiċċhom fatt kompjut. Minn dak li kien laħaq seħħ bejn meta saret ir-riżoluzzjoni tat-12 ta’ Frar, 1999[15], sa dakinhar li ssejħet il-laqgħa ġenerali straordinarja tal-1 ta’ Ġunju, 1999, kien ħareġ ċar li n-negozjar ma kienx jista’ jsir aktar għat-termini tar-riżoluzzjoni;

40. Illi, b’żieda ma’ dan, il-Qorti ssib li dak li ssemma fil-laqgħa ġenerali straordinarja kien ukoll jikkostitwixxi mandat lill-istralċjarju ukoll jekk ma kienx fis-sura ta’ riżoluzzjoni formali u ma hemmx dubju li dak il-mandat kien il-frott ta’ deċiżjoni meħuda f’laqgħa fejn l-azzjonisti kollha kienu preżenti, fejn l-abbozz tal-kuntratt jidher li kien intwera lilhom u fejn il-qbil ma’ dak li l-istralċjarju ntalab jagħmel kien approvat minn kwota biżżejjed ta’ azzjonisti ta’ Cottonera kif jitlob l-istatut tagħha[16]. Huwa minnu li ngħatat xhieda[17] li Mixkuka ma qablitx u li tgħid li kienet baqgħet tisħaq li l-istralċjarju kien għadu marbut mar-Riżoluzzjoni ta’ Frar. Iżda joħroġ ċar li, kienu x’kienu r-raġunijiet[18], l-azzjonisti l-oħrajn ta’ Cottonera kienu aċċettaw li jirrinunzjaw għall-jeddijiet tagħhom u b’hekk xejnu dak li huma kienu “ordnaw” lill-istralċjarju fir-Riżoluzzjoni msemmija[19]. Din il-Qorti ssib ukoll li l-appellat stralċjarju kien igawdi minn setgħat mogħtijin lilu mil-liġi

[15] Dok “O”, f’paġ. 520 tal-proċess
[16] Ara Klawsola 4(d) tal-Istatut ta’ Cottonera (Dok “A”, f’paġ. 47 tal-proċess)
[17] Xhieda ta’ Winston Fenech f’paġġ. 253 – 4 tal-proċess
[18] Ara x-xhieda ta’ Alfred Quintano u John Busuttil f’paġġ. 267 – 8 u 480 – 1 tal-proċess
[19] Xhieda ta’ Winston Fenech fil-kontro-eżami f’paġ. 342 tal-proċess

li jagħmel jew jieħu deċiżjonijiet li huwa kien jidhirlu xierqa wkoll li kieku ma kellux il-kunsens tal-azzjonisti u wkoll fl-interess tal-kredituri tal-kumpannija;

41. Illi l-Qorti għalhekk tqis li ma jkunx xieraq li jingħad li l-ewwel Qorti għamlet apprezzament mhux tajjeb tal-fatti. Il-fatti li qieset u semmiet dik il-Qorti huma kollha relevanti u joħorġu mill-atti tal-kawża. Din il-Qorti tqis ukoll li bejn it-12 ta' Frar, 1999, meta għaddiet ir-Riżoluzzjoni u dakinhar li ssejħet il-laqgħa straordinarja ġenerali tal-1 ta' Ġunju, 1999, l-istralċjarju kellu numru ta' laqgħat ma' rappreżentanti tal-Gvern kemm dwar il-kundizzjonijiet marbuta mat-tħassir tal-konċessjoni enfitewtika kif ukoll dwar il-possibiltà li l-konċessjoni titkompla minn terzi[20]. Jidher iżda li l-Gvern ma kienx imħajjar aktar li jżomm fis-seħħ il-konċessjoni, imma li jinqabel it-temm tagħha qabel l-għeluq taż-żmien tagħha, billi fiżikament il-Forti kienet ittieħdet minn idejn Cottonera u għaddiet għand ħaddieħor;

42. Illi ħareġ ukoll li fix-xhur ta' wara it-12 ta' Frar, 1999, kemm l-istralċjarju kif ukoll l-appellati Airmalta p.l.c u l-MIMCOL kienu taħt pressjoni li jikkonkludu l-ftehim mal-Gvern bl-Airmalta p.l.c. u MIMCOL saħansitra jintalbu jirrinunzjaw għal xi pretensjonijiet li huma kellhom favur tagħhom (fis-sura ta' "*shareholders' loans*") ħalli l-kuntratt ikun jista' jsir. Is-sitwazzjoni li kienet inħolqot tfissret lill-azzjonisti miġbura fil-laqgħa

---

[20] Affidavit ta' George Manġion Dok "GM", f'paġ. 355 tal-proċess

ġenerali u l-istess sar bl-abbozz tal-ftehim. Fl-atti tal-kawża hemm provi li juru li, kieku ma sarx il-kuntratt, id-direttarju xorta waħda kien se jniedi proċeduri biex jitlob il-ħall tal-konċessjoni enfitewtika minħabba n-nuqqas ta' ħlas taċ-ċens għal żmien twil[21], kif il-kuntratt tal-konċessjoni enfitewtika kien espressament jistipula[22];

43. Illi mill-ġabra ta' dawn il-fatti u ċirkostanzi, il-Qorti tasal għall-fehma li, minkejja r-Riżoluzzjoni tat-12 ta' Frar, 1999, l-appellat istralċjarju ma baqax f'qagħda li seta' jinnegozja fuq it-termini ta' dak li kienet tgħidlu dik ir-Riżoluzzjoni. Tqis ukoll li l-istruzzjonijiet li nħarġu fil-laqgħa ġenerali straordinarja tal-1 ta' Ġunju, 1990, issuperaw l-istruzzjonijiet li tpoġġew b'mod formali fl-imsemmija Riżoluzzjoni;

44. Illi għaldaqstant il-Qorti, għar-raġunijiet hawn imsemmija ssib li l-ewwel Qorti kienet waslet għal deċiżjoni tajba meta ma sabitx li l-istralċjarju appellat ma kienx kiser il-mandat lilu mogħti meta resaq għall-kuntratt u iffirmah bil-kundizzjonijiet hemm imfissra. Dan ifisser li l-ewwel Qorti sabet tajjeb meta ċaħdet it-talbiet attriċi fil-mertu;

45. Għalhekk il-Qorti se tiċħad it-tieni aggravju billi mhux mistħoqq u la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

[21] Ara Dok "NF30", f'paġ. 234 tal-proċess
[22] Klawsola 10(b), Dok "B", f'paġġ. 62 – 3 tal-proċess

***Decide:***

46. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' f'parti l-appell** tal-kumpannija attriċi, u tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-5 ta' Frar, 2015, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tħassarha safejn ħelset mill-ħarsien tal-ġudizzju lill-kumpanniji intimati Air Malta p.l.c. u Malta Investment Management Company Limited, iżda **tiċħad il-bqija tal-appell** billi tikkonferma l-imsemmija sentenza fil-bqija; u

**Tordna** li l-ispejjeż ta' dan l-appell jitħallsu kwantu għal erbgħa minn ħames ($^4/_5$) ishma mill-appellanti u sehem minn ħamsa ($^1/_5$) mill-appellati Air Malta p.l.c. u Malta Investment Management Company Limited bejniethom, filwaqt li l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati fis-sentenza appellata.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm